*Maltese*

1 ta’ Awissu 2009

**Il-Gvern Jerġa Jinjora Rakkommandazzjoni tal-Kumitat Ornis**

Għat-tielet sena konsekuttiva l-Gvern ser jagħlaq l-istaġun tal-kaċċa bejn il-15 u t-30 ta’ Settembru minn wara t-tlieta ta’ wara nofsinhar.

Dan minkejja li ukoll għat-tielet sena konsekuttiva l-Kumitat Ornis ma rrakkomandax tali eluq lill-istess gvern, apparti li din il-miżura mhux parti mill-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

Din il-miżura ġiet ipproponuta mill-BirdLife Malta sabiex ikunu jistgħu jġibu barranin fostna kemm mill hekk imsejjaħ ‘Raptor Camp’ tagħhom kif ukoll mill-partners tal-istess BirdLife il-‘CABS’, sabiex dawn ikunu jistgħu joqgħodu jilgħabuha ta’ spiji u pulizija fuq il-kaċċaturi u n-nassaba Maltin u Għawdxin u jkollhom il-liberta’ kollha biex jiġru fil-kampanja Maltija, privata u le.

Mandankollu l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) tinnota li l-gvern wara li jikkonsulta mal-pulizija jista’ jikkunsidra ma jinponiex dan l-għeluq f’xi post fejn tiġi applikata sistema ta’ *self regulation* mill-kaċċaturi.

L-FKNK ilha li ppropioniet sistemi effiċenti ta’ *self regulation* u detterent lill-gvern, u għaldaqstant hija miftuħa għal kull diskussjoni u konsultazzjoni li jkun hemm bżon sabiex tinsab soluzzjoni għal din il-problema li ħolqu l-BirdLife Malta. Madankollu l-FKNK mhux ser taċetta li dawn is-sistemi jitħadmu f’xi post wieħed biss, partikolari u ppreferut, pero rridu li din il-miżura sseħħ fil-postijiet kollha f’Malta u Għawdex fejn hu peress li tiġi ppratikata l-kaċċa.

Lino Farrugia
Segretarju – FKNK

*Ingliż*

1st August 2009

**Government yet again ignores Recommendation of Ornis Committee Malta**

For the third year in succession government has decided not to abide by the same Ornis Committee Malta recommendation and will be imposing a ban on hunting from the 15th to the 30th of September from 3:00 pm.

This measure is not part of EU legislation, and has only been proposed by BirdLife Malta to accommodate foreigners from their so called 'Raptor Camp' and BirdLife partners CABS, so that these can come to Malta as spies and play policemen with Maltese hunters and trappers and be free to roam around Malta's countryside onto private owned land or otherwise.

Still the Federation for Hunting & Conservation – Malta (FKNK) notes that following police consultations, government may consider lifting this ban in one area where a self regulation system is in force by the hunters.

The FKNK had proposed effective and efficient self regulation and deterrent systems to government, and so the FKNK is very much open to any necessary discussions and consultations with both government and the police, so that a solution can be found to this problem created by BirdLife.

However the FKNK will never accept such systems to be in force in just one particular and preferred area, however these have to be imposed in all the areas around Malta and Gozo where hunting is permitted.

Lino Farrugia
Secretary - FKNK